Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024
Taqsima B

A.L. 95 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad għad-Diploma in Baroque Architecture taħt il-patroċinju tal-International Institute for Baroque Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif meħtieġ mill-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Baroque Architecture u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Baroque Architecture taħt il-patroċinju tal-International Institute for Baroque Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 15 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' April 2024 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Baroque Architecture taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Baroque Architecture taħt il-patroċinju tal- tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Baroque Architecture - Dip.Bar.Arch.; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Baroque Architecture.